MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 779/2008/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 779/2008 fl-ismijiet:-**

**1. Simone De Brincat, xebba bint il-mejjet Publius u Evelyn nee` Borg, imwielda Floriana u residenti San Pawl il-Bahar detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 550452(M);**

**2. Lydia Vella, mart it-Tabib Dr. Carmel Lino Vella, bint il-mejjet Publius De Brincat u Evelyn nee` Borg, imwielda Floriana u residenti San Pawl il-Bahar, detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 525646 (M) u l-istess Tabib Dr. Carmel Lino Vella, iben il-mejtin Paul u Angelica nee` Attard, imwieled Birkirkara u residenti San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-dentita` numru 278844 (M);**

**3. Carmel Azzopardi, iben il-mejtin Vincent u Maria Carmela nee` Sammut imwieled u residenti r-Rabat, Malta, detentur tal-karta**

**ta’ l-identita` numru 330636 (M) f’ismu proprju u f’isem huh Paul Azzopardi assenti minn dawn il-gzejjer.**

**vs**

**John Baptist Sammut iben il-mejtin Joseph u Carmelina nee` Sammut imwieled B’Kara fil-5 ta’ Frar 1948 u residenti B’Kara, detentur tal-karta ta’ l-identita` Nru. 197348 (M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni ta’ Simone De Brincat et datat 22 ta’ Mejju 2008 a fol. 1 tal-process fejn l-istess rikorrenti talbu li l-intimat jigi mizmum u inibit milli huwa u/jew terzi persuni mqabbda minnu jkomplu jaghmlu kwalunkwe tip ta’ xoghol, inkluz ta’ eskavazzjoni u kostruzzjoni fil-parti ta’ wara tal-fond 15, St. John the Baptist Street, San Pawl il-Bahar, u senjatament fejn din il-proprjeta’ tmiss minn wara mal-fondi (a) 35, St. John the Baptist Street, San Pawl il-Bahar, (b) 481, St. Paul’s Street, San Pawl il-Bahar u (c) 483, St. Paul’s Street, San Pawl il-Bahar.

Rat id-digriet tal-lmhallef sedenti moghti fil-21 ta’ Mejju 2008 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta’ Mejju 2008, u ordnat in-notifika ta’ l-istess rikors lill-kontro parti b’erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat John Baptist Sammut datata 26 ta’ Mejju 2008 a fol. 9 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tad-29 ta’ Mejju 2008 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet u prezenti l-intimat u wiehed mir-rikorrenti. Dr. Vincent Galea esebixxa ritratti mmarkati Dok. “VG 4” sa “VG 23. Ir-rikors gie pospost. Meta rega’ issejjah ir-rikors id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghall-provediment in kamera.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni peress li r-rikorrenti bhala proprjetarji tal-fondi 35, St. John the Baptist Street, San Pawl il-Bahar, u 481 u 483, St. Paul's Street, San Pawl il-Bahar qed jghidu li l-intimat jew nies minnu nkarigati fil-21 ta' Mejju 2008 bdew jiskavaw vicin il-proprjeta' tar-rikorrenti u b'rizultat ta' l-istess waqqghu il-hajt divizzorju proprjeta' tar-rikorrenti u ngibdu *wires* tad-dawl u servizzi ohra li kienu mal-istess hajt b'perikolu ghall-istess rikorrenti u terzi persuni; jinghad ukoll li l-istess intimat jew l-imsemmi terzi persuni minnu nkarigati dahlu fil-proprjeta' tar-rikorrenti u ma zammewx id-distanzi legali skond l-**artikolu 439 tal-Kap 16** u b'hekk saret hsara fl-istess proprjeta' tar-rikorrenti nkluz fl-istess hajt u dan kif jidher mic-certifikat peritali tal-Perit Daniel Grima datat 21 ta' Mejju 2008 (Dok. "VG 1").

Illi l-**artikolu 439 tal-Kap 12** jipprovdi li:-

*"Hadd ma jista' jhaffer fil-fond tieghu bjar, gwiebi, jew latrini, jew jaghmel thaffir iehor ghal kull ksieb li jkun, f'boghod ta' anqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju".*

Illi r-raguni ghal din l-projbizzjoni hija semplici u tikkonsisti fil-fatt li thaffir f'dik id-distanza jikkawza normalment hsara fl-istess hajt u fond kontigwu, kif gara fil-kaz in ezami **("Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et"** – P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002).

Illi fil-kaz in ezami jidher li kemm mill-istess certifikat pertitali u mir-ritratti esebiti (Dok. "VG 4" sa Dok. "VG 23" li x-xoghol ta' thaffir u xoghol iehor *da parte* tal-intimat sar fid-distanza projbita mil-ligi kkalkolata mill-hajt divizorju, u jidher ukoll li tant kien vicin l-istess thaffir li dan waqqa' l-

hajt divizorju u kkawza l-hsarat lamentati mir-rikorrenti u jidher ukoll li l-istess intimat behsiebu jkompli x-xoghol f'distanzi legali mhux permessibbli mill-ligi **("Kunsill Lokali tas-Sliema vs United Acceptance Finance Limited"** – P.A. (RCP) – 12 ta' Ottubru 2007) u ghalhekk l-istess intimat ghandu jigi mizmum milli jkompli jaghmel xoghol *entro* l-istess imsemmija distanzi u dan ghaliex l-istess huma ta' pregudizzju ghall-istess rikorrenti.

Illi din il-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni tal-intimat li mal-hajt divizzorju ma sarx thaffir, ghaliex il-fatt ammess li tnehhiet il-hamrija minn mal-istess hajt divizzorju u l-intimat nizel bl-istess tnehhija ta' hamrija sew taht il-livell tal-proprjeta' tar-rikorrenti jammonta certament ghal thaffir li ma huwiex permess skond il-ligi u jidher car mir-risposta ta' l-istess intimat li huwa behsiebu jkomplu jaghmel xoghol mhux biss fl-istess distanza legali msemmija imma wkoll sabiex jibni mill-gdid il-hajt divizzorju b'perikolu li dan jista' jippregudika wkoll id-drittijiet tar-rikorrenti fuq l-art taghhom u hawn ukoll il-Qorti thoss li gie ppruvat li dan kollu huwa pregudizzjali ghar-rikorrenti.

Illi jidher ghalhekk li l-elementi kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikoku 873 tal-Kap 12** gew lkoll sodisfatti peress li l-hrug ta' tali mandat huwa necessarju sabiex jigu mharsa d-drittijiet tar-rikorrenti, u li r-rikorrenti ghandhom *prima facie* l-istess drittijiet u li jekk ma jinharigx l-istess mandat id-drittijiet tar-rikorrenti jigu pregudikati rremedjabbilment. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat datata 26 ta' Mejju 2008 in kwantu l-istess hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghhom ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni datat 21 ta' Mejju 2008** u tordna li l-intimat jigi mizmum u inibit milli huwa u/jew terzi persuni mqabbda minnu jkomplu jaghmlu kwalunkwe tip ta' xoghol, inkluz ta'

eskavazzjoni u kostruzzjoni fil-parti ta’ wara tal-fond 15, St. John the Baptist Street, San Pawl il-Bahar, u senjatament fejn din il-proprjeta’ tmiss minn wara mal-fondi (a) 35, St. John the Baptist Street, San Pawl il-Bahar, (b) 481, St. Paul’s Street, San Pawl il-Bahar u (c) 483, St. Paul’s Street, San Pawl il-Bahar kollox kif indikat fl-istess rikors tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------